**7 ta' Diċembru, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filetti B.A., lL.D.**

John Cutajar

*versus*

Carmelo Farrugia

**Rikonvenzjoni – Konnessjoni tat-Talbiet – Tħassir ta' Għerusija**

*Biex issir talba rikonvenzjonali jrid ikun hemm konnessjoni ta' din it-talba ma' l-azzjoni proposta mill-attur.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi għal bejn Ottubru u Novembru 1981, l-attur fuq inkarigu tal-konvenut għamel appalt fir-residenza tiegħu tas-sajf *3/4 St. Philip Street, Birżebbuġa, konsistenti f'xogħol* ta' kostruzzjoni ta' kamra, arkata, xorok, bieb, ħerża tal-bir, twaqqigħ ta' ħitan u xogħol ta' drenaġġ, u dana jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Premess illi fl-opinjoni tal-Perit Ninu Zammit, l-attur huwa intitolat skond ix-xogħol li għamel għall-ħlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u ħamsin lira Maltija u ħames ċenteżmi (Lm252.05,0) kif jidher *mill-hawn anness ċertifikat irrilaxxjat mill-imsemmi* Perit;

Premess li għalkemm l-attur interpellat bonarjament biex iħallas lill-attur *nomine* huwa baqa' inadempjenti;

Talab għalhekk l-attur li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm252.05,0, kif fuq intqal, jew somma oħra verjuri li tirriżulta dovuta għax-xogħol li għamel l-attur fir-residenza tiegħu tas-sajf 3/4 St. Philip Street, Birżebbuġa;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-26 ta' Frar, 1982 u tal-11 ta' Marzu 1982 kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Farrugia fejn eċċepixxa:

1. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, peress li kien hemm intiża taċita li x-xogħol li l-attur ried jagħmel kien għal kollox gratuwitu, u kien fuq suġġeriment tiegħu stess. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn wara li ppremetta li l-attur kien għarus lil bint il-konvenut, u minħabba ż-żwieġ ipprospettat, kien għamel spejjeż biex jittratta lill-istess konvenut, u sussegwentement l-attur inġustament ħassar l-għerusija u b'hekk il-konvenut sofra danni, talab li din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-attur ħassar l-għerusija bla ġusta kawża, u li tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut kif fuq intqal, u li tikkundanna lill-attur iħallas is-somma li tiġi hekk illikwidata;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut illi:

1. Preliminarjament, il-kontro-talba hija nulla għax ma saritx skond il-liġi;

2. Subordinatament, u bla preġudizzju għas-suespost, illi *l-għerusija tħassret għar-raġunijiet imputabbli unikament lil bint* il-konvenut;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat ukoll in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri ta' John Cutajar, l-attur rikonvenut, għall-kontro-talba tal-konvenut fejn eċċepixxa li, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà minnu mressqa, illi t-talbiet rikonvenzjonali *tal-konvenut rikonvenjent u t-talbiet ta'* l-eċċipjent rikonvenut m'humiex konnessi skond kif jirrikjedi l-art. 396 tal-Kap. 15; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-noti tal-partijiet u eżaminat l-atti;

Ittrattat l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri ssollevata mill-attur rikonvenut;

Ikkunsidrat li l-azzjoni oriġinali intavolata mill-attur hija dwar appalt allegatament esegwit minnu fuq inkarigu tal-konvenut u għal-liema qed jitlob ħlas. Il-konvenut in linea ta' eċċezzjonijiet għamel ukoll kontro-talba għad-danni bbażata fuq resilment ta' għerusija. Jidher, di fatti, li għal xi żmien il-konvenut u bint l-attur kienu għarajjes u li din l-għerusija tħassret. Il-konvenut jallega li hu qatt ma ta inkarigi lill-attur u li dan għamel dak li għamel gratuwitament u dejjem minħabba l-fatt li bintu kienet għarusa mal-konvenut. Ġie invokat mill-konvenut rikonvenjent l-art. 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jittratta dwar ir-rikonvenjonzi;

Fil-fehma tal-Qorti l-bażi ta' l-azzjoni intavolata mill-attur m'għandha x'taqsam xejn ma' l-azzjoni ta' tħassir ta' l-għerusija.

Barra minn dan, lanqas jista' jkun hemm identità fil-persuna tal-kontendenti għaliex l-għerusija qatt ma kienet u ma setgħet qatt tkun bejn il-kontendenti attwali (1) imma bejn il-konvenut u bint l-attur. Għalhekk kull azzjoni relativa għal tħassir ta' għerusija kienet tispetta lil bint l-attur u lill-konvenut jew *vice-versa* u l-attur huwa estraneju għal tali azzjoni. Kwindi lanqas jista' jingħad li tista' ssir kontro-talba a bażi ta' tpaċija meta hemm interessi ta' terzi involuti li m'humiex parti f'dina l-kawża u meta l-bażi taż-żewġ azzjonijiet huma daqstant differenti minn xulxin;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari li ġiet issollevata mill-attur rikonvenut u tiċħad il-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenjent bl-ispejjeż kontra tiegħu, b'dan li jibqgħu impreġudikati l-provi dwar it-talbiet oriġinali ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet relattivi tal-konvenut, u b'riserva espressa lill-konvenut li jistitwixxi kwalsiasi kawża lilu spettanti *si et quatenus di fronte* l-attur f'ġudizzju distint u separat.